MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 878/1999/1

**REĠISTRATUR TAL-QRATI SUPERJURI**

**vs**

**Kristinu ĠIORDMAINA**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-20 t'April, 1999, li bih l-attur ippremetta:

Illi b'mandat ta' inibizzjoni numru 3475/98 tal-5 t'Ottubru 1998 maħrug fuq talba ta' George Giordimaina, il-konvenut, allura intimat, ġie inibit milli jidħol f'dik il-parti tar-raba delineata bil-kulur blu fuq pjanta annessa mal-imsemmi mandat, liema raba huwa meritu ta' kawża pendenti quddiem din il-Qorti fl-ismijiet "Kristinu Giordimaina vs George Giordimaina", Ċitazzjoni Numru 1/96/GC, fuq liema raba l-imsemmi George Giordimaina jgawdi pussess esklussiv, dokument "X1";

Illi b'rikors ipprezentat fit-2 ta' Novembru 1998, l-imsemmi George Giordimaina qal li fil-31 t'Ottubru 1998 għal ħabta tas-1.30 p.m., il-konvenut personalment kif ukoll nies imqabbda minnu daħlu fir-raba fuq imsemmi meritu tal-imsemmi mandat ta' inibizzjoni, ħartuha u zergħuha bit-tewm u għalhekk l-imsemmi George Giordimaina kompla biex talab li din il-Qorti tordna proċeduri ta' disprezz lejn l-awtorita' tagħha, dokument "X2";

Illi b'digriet tas-16 ta' Novembru 1998, din il-Qorti ordnat lir-Reġistratur jipproċedi kontra l-konvenut għal disprezz lejn l-awtorita' tagħha, dokument "X3";

Illi għalhekk qegħda ssir din il-kawża;

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Issib lill-konvenut ħati ta' disprezz għall-awtorita' tagħha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12); u

2. Tikkundanna lill-konvenut għall-pieni preskritti mil-liġi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni, u bit-twissija li jekk ma jidhrix huwa jista' jiġi mgiegħel biex iwiegeb għal-akkuza bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien mat-tliet (3) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fit-30 ta' Mejju, 2000, li biha l-imħarrek eċċepixxa:

1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi dwar dan l-istess inċident imsemmi fiċ-ċitazzjoni l-konvenut ġia ġie soggettat għall-azzjoni

Kriminali li minnha hu ġie liberat mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (sede Inferjuri) (Appell Numru 18/99 PV) Il-Pulizija v Cristinu Giordmaina deċiża fid-9 t'April 1999 (Dok. A). Għalhekk għandu japplika il-prinċipju "ne bis in idem";

3. Illi fil-fatt waħda mill-akkuzi fil-kawża fuq indikata kienet speċifikament: "U aktar inqast li tobdi ordni tal-Qorti Ċivili ingħatat lilek b'mandat ta' inibizzjoni bin-numru 3475/98". Minn din l-akkuza l-konvenut ġia ġie liberat, ma jistax għalhekk issa jerga' jgħaddi proċeduri b'possibilita' ta' pieni dwar l-istess fatti. La darba kienet saret għażla dwar proċedura addottata kontra l- konvneut, fin-nuqqas ta' success ta' dawk il-proċeduri ma jistax issa l-konvenut jiġi assoggettat għal proċeduri oħra dwar l-istess mertu u fatti;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat id-Degriet tagħha tal-31 t'Ottubru, 2000, li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu Noti ta' Referenzi dwar l-eċċezzjoni tal-ġudikat imressqa mill-imħarrek;

Rat in-Nota ta' Riferenzi mressqa mill-attur fid-29 ta' Novembru, 2000[1], b'riferenza għall-eċċezzjoni tal-ġudikat;

Rat in-Nota ta' Tweġiba mressqa mill-imħarrek fl-4 ta' Diċembru, 2000[2];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-21 ta' Novembru, 2002[3], li fih il-Qorti ġiet mgħarrfa li l-imħarrek miet matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża, u ġiet mistiedna tqis jekk hux il-każ li tgħaddi biex tagħti provvediment għar-rigward fid-dawl tan-natura partikolari tal-proċeduri ta' disprezz;

---

[1] Paġġ. 44-5 tal-proċess
[2] Paġ. 47 tal-proċess
[3] Paġ. 63 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tal-21 ta' Novembru, 2002, tas-6 ta' Frar, 2003, u tat-12 ta' Ġunju, 2003, li bihom ħalliet il-kawża għad-deċiżjoni dwar jekk il-kawża tistax timxi 'l quddiem wara l-mewt tal-imħarrek;

***Ikkunsidrat:***

Illi Illi din hija azzjoni dwar disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti. L-attur ressaq din il-kawża kontra l-imħarrek wara li kien sar rikors fit-2 ta' Novembru, 1998, minn George Ġiordmaina[4] biex titlob li jittieħdu proċeduri kontra l-imħarrek dwar ksur min-naħa tiegħu ta' ordni tal-Qorti mogħtija b'degriet tal-15 ta' Ottubru, 1998[5] fl-atti tar-Rikors ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 3475/98. L-ordni biex tinbeda din il-kawża ngħata bil-mezz ta' degriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tas-16 ta' Novembru, 1998[6];

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa' billi qal li kienu diġa' ttieħdu proċeduri fil-Qorti Kriminali kontrih dwar l-istess ġrajja u għalhekk ma messhiex inbdiet kawża oħra dwar l-istess ħaġa, u li, fil-mertu, li t-talbiet tal-attur m'għandhomx jintlaqgħu;

Illi, jirriżulta bħala fatt li l-imħarrek miet waqt iż-żmien li din il-kawża kienet qegħda tinstama'[7] u dwar dan l-attur ma qanqal l-ebda kontestazzjoni. Dan qiegħed jingħad minħabba li din is-sentenza trid tistħarreġ x'effett tħalli l-mewt ta' parti mħarrka f'każ ta' proċedura ta' allegat disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti;

Illi biex wieħed jasal għal tweġiba ta' din il-mistoqsija huwa xieraq li qabel xejn wieħed jgħarbel in-<u>natura tal-proċedimenti għad-disprezz</u> fis-sistema proċedurali Malti;

[4] Ara Dok. "X2" , f'paġġ 14–5 tal-proċess
[5] Dok "X1" f'paġ. 13 tal-proċess
[6] Dok. "X3" f'paġ 19 tal-proċess
[7] Fil-fatt, l-imħarrek miet fit-12 ta' Lulju, 2002

Illi l-proċedura għal disprezz għandha natura partikolari. Hija maħsuba biex tħares ir-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti. Waħda mis-setgħat ewlenin ta’ kull Qorti hija dik li tagħti ordnijiet lil xiħadd, kemm jekk biex dik il-persuna tagħmel xiħaġa, jew biex dik il-persuna ma tagħmilx xiħaġa. Il-ksur ta’ kull ordni jikkostitwixxi disprezz għall-awtorita’ li, bis-saħħa tagħha, dik l-ordni tkun ingħatat. Kif jgħallem Denning: *“This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt”*[8];

Illi, minbarra dan, xilja ta’ disprezz iġġib magħha l-ħtieġa li tiġi ippruvata, minn min qiegħed jixli, il-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u, b’konsegwenza ta’ hekk, l-awtorita’ tagħha;

Illi, madankollu, dik l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni mogħti lilha bħala wieħed korrett jew le: is-siwi ta’ dik l-ordni, sakemm ma jitħassarx b’ordni ieħor tal-Qorti nnifisha jew ta’ Qorti oħra, huwa raġuni oġġettiva li torbot lill-mixli li joqgħod għaliha, jaqbel jew ma jaqbilx magħha. Hekk stabilew il-Qrati tagħna, ukoll fejn wara rriżulta li l-ordni tal-Qorti kien wieħed null u bla siwi[9];

Illi, meħud f’dan id-dawl, il-proċediment tad-disprezz m’huwiex rimedju għall-persuna li tkun talbet it-teħid tiegħu, imma sanzjoni kontra min ikun ġab b’idejh u b’għemilu (jew bl-omissjoni tiegħu, skond il-każ) ksur ta’ ordni mogħtija lilu. L-attur f’din il-kawża (u bil-proċedura illi tfasslet għal dan il-għan fl-1995) qiegħed huwa nnifsu jesegwixxi ordni mogħtija lilu minn Qorti kompetenti biex jibda dawn il-proċeduri. L-attur m’għandu x’jirbaħ xejn b’tali proċeduri għajr li jiżgura li tiġi mħarsa l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja[10];

Illi fil-każ ta’ allegat ksur ta’ ordni mogħti fil-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni, wieħed isib dispożizzjoni espressa

---

[8] ***In Re Bramblevale Limited*** (1970)
[9] Ara App. Ċiv. **7.10.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Edward Camilleri noe vs Carmelo Vella*** (mhix pubblikata) u s-sentenzi hemm imsemmija
[10] P.A. **9.11.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Qorti vs Camilleri*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.546**)

tal-liġi li tgħid x'għamla ta' sanzjoni jwassal miegħu l-ksur ta' ordni bħal dik[11]. Iżda dik is-sanzjoni tagħti rimedju lill-parti li favur tagħha jkun inħareġ il-Mandat, u għalhekk kull allegat ksur ta' dik l-ordni tagħti lok ukoll għat-tmexxija 'l quddiem ta' proeduri kif maħsuba fit-Titolu XVII tal-Kap 12;

Illi, kif ingħad aktar qabel, m'hemmx dubju li l-proċediment ta' disprezz huwa wieħed ta' natura penali[12], ukoll jekk jieħdu s-sura ta' proċeduri ċivili. Kif jingħad minn kittieb awtorevoli ieħor dwar din il-materja: *"Even if the better view is that civil contempt cannot properly be described as a criminal offence, it is none the less clear that non-compliance with a court order may be followed by a committal order or fine the purpose of which is avowedly punitive. In particular it is clearly established that a fine or committal order may be imposed as a punishment for past disobedience even though the contemnor has by then complied with the original order or undertaking. ... Recognition of the quasi-criminal nature of proceedings for civil contempt has led to a gradual assimilation of the two branches of contempt."*[13];

Illi dan iġib miegħu illi kull ma tgħid il-liġi dwar dan l-istitut għandu jitħares skond il-kelma tal-liġi u l-ispirtu li jħares il-jeddijiet tal-"akkużat" f'dak kollu li jista' jitqies ta' natura penali[14]. Għalhekk mhux permess li l-istitut tar-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti jitwessa' b'analoġija, tixbieh jew teħid minn min ikun ta' inizzjativa li ma hix mogħtija lilu mil-liġi. Kien minħabba f'hekk li l-bidliet fil-liġi proċedurali fl-1995 stabilew min għandu jedd jibda tali proċeduri u f'liema ċirkostanza, wara żmien twil fejn kien dibattut f'għadd ta' sentenzi l-problema tal-aġent leġittimu ta' proċeduri bħal dawn[15];

Illi l-liġi tfisser min għandu jibda proċeduri ta' disprezz fl-artikolu 1003A tal-Kapitolu 12. F'dak l-artikolu persuna

---

[11] Ara art. 873(4) tal-Kap 12
[12] App. Kumm. **28.1.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli vs Cachia et*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.526**)
[13] Miller, Contempt of Court (2[nd]. Edit., 1990), paġ. 27
[14] App. Ċiv. **8.6.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Calleja*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.186**)
[15] Ara, per eżempju, P.A. **8.5.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Qorti vs Cutajar et*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.705**)

waħda għandha din is-setgħa u dik il-persuna m'hijiex individwu privat jew persuna li tallega li nkisrulha l-jeddijiet tagħha. Dik il-persuna waħdanija mogħtija s-setgħa li tibda tali proċeduri u li titqies bħala attur fihom hija r-Reġistratur tal-Qrati. Hemm modi kif persuna li tħoss li sar kontra tagħha għamil li jista' jitqies bħala wieħed li jikkwalifika bħala disprezz lejn il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tar-Reġistratur biex jibda l-proċeduri meħtieġa;

Illi, meqjusa fid-dawl tal-eċċezzjoni taħt eżami, dawn il-konsiderazzjonijiet dwar il-proċediment għad-disprezz juru li tali proċess jimxi indipendentement minn dak ċivili, u li l-għanijiet tiegħu jmorru lil hinn minn kull kwestjoni, ewlenija jew anċillari, li wieħed jistenna li sejrin ikunu meqjusin minn Qorti jew tribunal investit bis-smigħ tal-proċess ċivili;

Illi applikati dawn il-prinċipji għal fattispeċi ta' dan il-każ il-Qorti tasal biex tgħid illi l-mottivi li jwasslu persuna biex iġġib ruħha b'mod li jidher li qiegħed jisfida ordni ta' Qorti jistgħu biss ikollhom effett fuq l-apprezzament tal-"*animus*" tal-persuna mixlija b'disprezz. Dan jgħodd ukoll jekk il-mottiv li jġiegħel lil xiħadd jikser ordni ta' Qorti jkun wieħed li ta' min jissimpatizza miegħu[16]. Huwa meħtieġ li jintwera li l-persuna li tkun kisret l-ordni ta' Qorti kienet tjaf li qegħda tagħmel hekk[17];

Illi minbarra dan ingħad ukoll li f'każijiet bħal dawk li jirrigwardaw il-ħruġ ta' Mandati ta' Inibizzjoni, l-interess soċjali u l-bwon ordni pubbliku jitolbu li ordnijiet bħal dawk tal-Qorti jiġu obduti u li kienu x'kienu r-raġunijiet li wasslu lill-imħarrek biex aġixxa kontra dak l-ordni m'għandhomx ikunu raġuni tajba biex dak il-ksur jiġi skużat[18];

Illi ladarba ntwera li l-garanziji li l-imputat huwa mil-liġi mistenni li jgawdi fil-proċediment penali jgawdihom ukoll l-imħarrek fil-proċediment tad-disprezz, waħedha toħroġ il-konklużjoni li dawk iċ-ċirkostanzi li jtemmu l-azzjoni penali għandhom japplikaw ukoll għall-azzjoni ċivili tad-disprezz. Waħda miċ-ċirkostanzi li hija miżmuma fid-duttrina bħala li

---

[16] Ara Kumm. **20.8.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Qorti vs Bellizzi*** (Kollez. Vol: **XXXVII.iii.910**)

[17] Ara Kumm. Sentenza **9.1.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia noe vs Dowling*** (Kollez. Vol. **XXIX.iii. 207**)

[18] P.A. **14.3.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea noe vs Formosa*** (Kollez. Vol. **XXIX. ii.1023**)

ġġib fix-xejn proċediment penali li jkun pendenti hija sewwasew il-mewt tal-imputat fil-mori. Taħt is-saħħa tal-massimi legali ta' *mors omnia solvit* u *is qui in reatu decedit integri status decedit*, ingħad li "*Modern doctrine recognises without any hesitation that the penal action is of a strictly personal character. It cannot be exercised except against the author of the offence or his accomplices in an offence, and never against third parties, be they even the heirs of the defendant or persons claiming under him. At whatever stage of the proceedings the death of the defendant occurs, such proceedings fall through. ... Our law, unlike the Italian Code, does not contain any express provision in this sense. Nor does any such express provision appear to be necessary...*"[19];

Illi fil-fehma tal-Qorti dan kollu li ngħad iwassal biex fil-każ preżenti l-Qorti tieqaf milli tqis ħwejjeġ oħrajn li jmissu l-kwestjoni, ladarba ċ-ċirkostanza tal-mewt tal-imħarrek xejnet il-ħtieġa li l-kawża titmexxa 'l quddiem;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tastjeni milli tqis iżjed il-kawża** u dan billi l-proċediment huwa eżawrit bil-mewt tal-imħarrek fiż-żmien li l-kawża kienet qegħda tinstama';

**Spejjeż mingħajr taxxa** bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[19] Notes on Criminal Procedure, paġ. 29